

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0098/06
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Jan Andersson u Karin Jöns f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
lill-Kummissjoni

Suġġett: L-integrazzjoni mill-ġdid ta' pazjenti morda bil-kanser tas-sider fis-suq tax-xogħol u l-użu tal-fondi soċjali għat-taħriġ kontinwu ta' professjonisti tas-saħħa fil-qasam tal-kanser tas-sider

Meta wieħed iqis l-istrateġija ta' Liżbona, li għandha l-għan li tilħaq kwota ta' 60% ta' nisa jaħdmu sa l-2010, u n-numru kbir ta' każi ta' kanser tas-sider iddijonjostikat kull sena fost in-nisa fl-Unjoni Ewropea (275,000 skond l-istima attwali bbażata fuq id-dejta tar-reġistru tal-kanser ta' l-Aġenzija għar-Riċerka fuq il-Kanser), l-integrazzjoni mill-ġdid ta' dawk li jfieuqu mill-kanser tas-sider fis-suq tax-xogħol hija prijorità urġenti. Dan huwa enfasizzat mill-fatt li numru dejjem jikber ta' nisa qed jinstabilhom kanser fis-sider fl-aqwa snin tal-karriera tagħhom. 35% tal-każi l-ġodda ta' kanser tas-sider qegħdin attwalment jinstabu f'nisa ta' inqas minn 55 sena. 12% huma saħansitra misjubin f'nisa t'inqas minn 45. L-istudji juru, madankollu, li madwar għoxrin fil-mija tan-nisa li jfieuqu mill-kanser tas-sider ma jirritornawx lura għax-xogħol.

1. Tista' l-Kummissjoni tippovdi informazzjoni li tista' toqgħod fuqha dwar il-proporzjon ta' pazjenti morda bil-kanser tas-sider li jħallu l-impjieg tagħhom matul il-marda u t-trattament, per eżempju billi tikkummissjona studju dwar dan is-suġġett?
2. Kif il-Kummissjoni biħsiebha ġġib lil min iħaddem konxju tal-ħtieġa li l-pazjenti jkollhom l-opportunità li jkomplu jaħdmu full-time jew part-time waqt li jkun qegħdin taħt reġimi ta' trattament, ladarba dan jista' jkun essenzjali għall-istabbiltà finanzjarja u għall-kundizzjoni psikoloġika tal-pazjenta?
3. Kif il-Kummissjoni biħsiebha tħeġġeġ lil min iħaddem biex jerġa' jintegra pazjenti morda bil-kanser tas-sider fis-suq tax-xogħol meta tispiċċalhom il-kura, biex jirristruttura l-postijiet tax-xogħol tagħhom u biex joffri skedi ta' xogħol flessibbli?
4. Il-Kummissjoni, qed tara l-bżonn għall-iżvilupp ta' ċarter li jipproteġi lil min għandu mard kroniku fuq il-post tax-xogħol? U ser tappoġġja dan l-iżvilupp ta' ċarter?
5. Implimentazzjoni ta' ttestjar tal-mammografija skond il-linji gwida Ewropej għall-aħjar sejbien minn kmieni u kura, tirrikjedi taħriġ speċjali ta' staff mediku. Il-Kummissjoni, għandha l-intenzjoni, b'mod partikulari fl-Istati Membri l-ġodda u fil-pajjiżi applikanti, li tippromwovi l-użu tal-fond soċjali ta' l-UE u tal-fond ta' qabel l-adeżjoni għat-taħriġ?

Imressqa: 18.09.2006

Mgħoddija: 20.09.2006

Skadenza għat-tweġiba: 27.09.2006